



Brussell, 11 ta' Lulju 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0118(COD)

11012/22
ADD 1

CODEC 1091
PECHE 254
CADREFIN 121
RELEX 943
COEST 526

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward tal-miżuri speċifiċi li jtaffu l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna dwar l-attivitajiet tas-sajd u sabiex jiġu mmitigati l-effetti tat-tfixkil tas-suq ikkawżati minn dik il-gwerra ta' aggressjoni dwar il-katina ta' provvista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni sodisfatta li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw malajr l-emenda għar-Regolament (UE) Nru 508/2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, ħalli l-miżuri speċifiċi ta' appoġġ ikunu disponibbli għall-operaturi, u jittaffew l-impatti tal-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna fuq l-attivitajiet tas-sajd u anki l-effetti li qed tħalli dik l-aggressjoni militari fuq is-suq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-ispejjeż addizzjonali tal-materja prima, tal-input u tal-enerġija. Madankollu, il-Kummissjoni qed titlob għall-kawtela fl-użu tal-miżuri li jikkompensaw il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, meta l-aggressjoni Russa tkun "timpedixxi l-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjonijiet tas-sajd".

Tabilħaqq, il-waqfien temporanju huwa soġġett għall-kundizzjoni li l-attivitajiet kollha tas-sajd imwettqa mill-bastiment tas-sajd li jibbenefika jiġu "sospiżi b'mod effettiv", u dan ifisser li l-bastiment tas-sajd ikkonċernat irid iwaqqaf kull attività tas-sajd tul il-perjodu kkonċernat bil-waqfien temporanju. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-miżuri li għandhom l-għan jikkompensaw l-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf imġarrba minħabba t-tfixkil fis-suq ikkawżat mill-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna u mill-effetti tagħha fuq il-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, għax dawn huma aktar adattati biex iżommu l-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura funzjonanti. L-użu mifrux ta' waqfien temporanju jista' jkollu l-konsegwenza mhux intenzjonata li jaggrava t-tfixkil tal-katina tal-provvista tas-sajd għax tonqos il-provvista fis-suq.
